MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Avviz Numru. 210/2008

**Joseph Debono, detentur tal-karta tal-identita' nru 487057(M)**

**Vs**

**Socjeta' Kind's Auto Sales (Mer) Ltd li ghandha n-numru ta' registrazzjoni C 32783 u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2008, il-kelma "Kind's" tnehhiet**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma' ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tikkonferma, jekk ikun necessarju skond ir-risultanzi ta' periti nominandi, illi ai termini tal-Artikoli 1378 u 1408 tal-Kap 16 ta' Ligijiet ta' Malta, il-van Mercedes Benz Vito 639 115CDIKB/E mibjugh lir-

rikorrenti Joseph Debono, ghandu numru ta' difetti mohbija rizultanti minn nuqqasijiet ghal kollox imputabbli lis-socjeta' intimata, liema difetti mohbija jnaqqsu l-valur u l-utilita' tal-imsemmija vettura;
2. Tillikwida u tistabilixxi t-tnaqqis fil-valur tal-prezz tal-imsemmija vettura kawza ta' l-istess nuqqasijiet jekk ikun il-kaz ukoll, okkorrendo bl-opra ta' periti esperti nominata mill-istess Qorti f'dan ir-rigwardi.
3. Tordna u tikkundanna lis-socjeta' intimata li tirrifondi u tikkumpensa termini tal-Artikolu 1424 u 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-istess Qorti;
4. Taghti kull rimedju, direttiva jew kumpens li jidrilha xieraq.

Ghall-finijiet ta' tassazjoni jigi dikajrat li s-sorte ma jeccedix €4650 (erbat elef sitt mija u hamsin Euro).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta (fol 3 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi preliminarjament is-socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi l-isem tas-socjeta' konvenuta hi Auto Sales (Mer) Limited.
2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghal fuq premess l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kap 16).
3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l–vettura ma kellha ebda difett mohbija fil-mument ta' bejgh.
4. Illi inoltre saru riparazjonijiet jew 'service' ghand terzi n-vjolazzjoni tal-garanzija.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet Taghha moghti waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2009 (fol 9 ibid) u li bih tnehha l-isem "Kind's" minn isem is-socjeta' konvenuta.

Rat l-atti kollha kif ukoll semghet it-trattazzjoni dwar it-tieni (2) eccezzjoni kif proposta.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza ta' natura preliminari tirreferi biss u limitatament ghat-tieni (2) eccezzjoni kif proposta cjoe illi l-azzjoni in esami hi preskritta a bazi tal-artikolu 1431 tal-Kodici Civili fejn jinghad illi l-'actio aestmatoria' "… shall …. be barred … in regard to moveables by the lapse of six months as from the day of delivery of the thing sold". Fl-istess artikolu fis-sub-inciz tnejn (2) jinghad ulterjorment illi l-istess terminu jista' jibda jiddekorri mill-jum li fih kien jkun possibbli ghall-kompratur, li jiskopri l-istess difett mohbi (ara ukoll l-artikolu 1407(2) ibid).

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, jkun opportun illi ssir sintesi tal-provi prodotti in rigward l-eccezzjoni in esami.

a) L-attur (fol 21 tal-atti) jsostni illi l-vettura in kwistjoni kienet giet konsenjata lilu "…matul Lulju 2006". Sussegwentement, meta jsir "servicing" fuqha, hu kien jghid lis-socjeta' konvenuta illi "… kien ikun hemm xi cekcik, liema cekcik, cjononostanti, kien zdied. Filfatt hu qal illi l-ewwel darba li kien ha l-istess vettura ghand is-socjeta konvenuta kien matul Novembru 2006 waqt li jghid ukoll illi kien di gja ilmenta dwar dawn il-hsejjes, qabel dan ix-xahar, u kien jigi informat "… li ma hemm xejn u sabiex jiena ma' ninkwetax". Sussegwentement, "xi sena u nofs wara l-konsenja", hu kien ppresenta ittra ufficjali dwar dan il-kaz, liema att jinsab esebit bhala vera kopja , fotostatika a fol 14 u 15 tal-atti. Jigi notat illi l-istess att kien gie presentat fit-28 ta' Novembru 2007. Inoltre kien inkariga "surveyor" Natalino Fenech sabiex jaghmel "survey" tal-istess vettura (ara fol 16 sa fol 20 ibid) liema "survey" jgib id-data tas-6 ta' Marzu 2008.

b) Richard Bonnici Kind (fol 25 u fol 26), prodott mis-socjeta' konvenuta specifika illi l-istess vettura kienet inxtrat mill-attur fit-28 ta' Lulju 2006 u kienet ingiebet ghall-ewwel "servicing" fil-21 ta' Frar 2007. Dwar xi lmenti minn naha tal-attur dan kien ghamel dan personalment fix-xhur u ghall-ewwel darba fit-8 ta' Novembru 2007. Ix-

xhud, pero’, ma setax jghid kien sar xi lment qabel din id-data lil xi impjegat iehor tas-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi mill-lat legali, dejjem gie ritenut illi t-terminu in esami kien wiehed ta’ dekadenza u mhux terminu preskrittiv. Dan jfisser illi l-azzjoni trid tigi proposta entro t-termini ta’ sitt xhur jew mid-data tal-konsenja jew minn meta kien possibbli ghall-kompratur illi jiskopri id-difett jew difetti mohbija allegali minnu.

F’dan il-kaz, irrizulta, b’mod car illi bejn il-konsenja w d-data tal-presentata ta’ dan l-avviz, skadew kwazi sentejn. Inoltre jidher li, probalment l-attur kien induna, mill-bidu nett, bic-“cekcik” li semma fix-xhieda tieghu u kien “… nghid lis-socjeta’ konvenuta … meta kont nehodha ghas-‘service’ “.  Difatti kien ippresenta l-imsemmija ittra ufficjali xi sena’ u nofs wara l-konsenja tal-istess vettura waqt li semma’, ukoll, illi fid-data meta xehed cjoe fl-10 ta’ Novembru 2008, hu kien ghadu juza dejjem l-istess vettura.

Ikkunsidrat

Illi l-provi kollha gew analizzati sabiex il-Qorti tara jekk f’dan il-kaz kienx hemm, da parti tas-socjeta’ konvenuta tentattiv sabiex tiehu vantagg mid-dokument tat-terminu in kwistjoni.  Minn analisi tal-istess provi, ma irrisutax tali kondotta da parti tas-socjeta’ konvenuta sabiex tiehu dan il-vantagg billi, b’xi mod, uzat xi mezzi sabiex ittawwal iz-zmien sakemm jiskadi t-terminu ta’ dekadenza.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta’ dak premess, il-Qorti tara li ghandha tigi akkolta l-eccezzjoni in esami.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ it-tieni (2) eccezzjoni u tiddikjara l-azzjoni in esami bhala estinta.  In rigward l-ispejjes, dawn jithallsu mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------